Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10506 - PARKER / MEGGITT)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2022/C 102/06)

1. Fil-21 ta' Frar 2022, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Parker-Hannifin Corporation ("Parker", l-Istati Uniti tal-Amerka),

— Meggitt PLC ("Meggitt", ir-Renju Unit).

Parker se takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll ta' Meggitt kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Parker tiddisinja, timmanifattura u tforni teknoloġiji u sistemi ta' moviment u kontroll, u tipprovdi soluzzjonijiet imfassla bi preċiżjoni għal varjetà ta' swieq mobbli, industrijali u ajruspazjali fil-livell globali,

— Meggitt tiddisinja, timmanifattura u tforni komponenti u sottosistemi għas-swieq ajruspazjali u tad-difiża, u applikazzjonijiet magħżula tal-enerġija, fil-livell globali.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10506 – PARKER / MEGGITT

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË